

Brussell, 8 ta' Lulju 2022  
(OR. en)

10699/22  
PV CONS 46  
TRANS 447  
TELECOM 297  
ENER 335

**ABBOZZ TA' MINUTI**  
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA  
(Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija)  
27 ta' Ġunju 2022

## **WERREJ**

### **Paġna**

1.	Adozzjoni tal-aġenda .....	3
2.	Approvazzjoni tal-punti "A" .....	3
	a) Lista mhux leġislattiva	
	b) Lista leġislattiva	
<b><u>Deliberazzjonijiet leġislattivi</u></b>		
3.	Il-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %" (inizjattivi leġislattivi għall-implimentazzjoni tal-mira klimatika għall-2030) .....	5
	a) Reviżjoni tad-Direttiva dwar l-effiċjenza fl-enerġija (riformulazzjoni)	
	b) Reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli	
4.	Regolament dwar it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija .....	5
5.	Reviżjoni tad-Direttiva dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija .....	5
<b><u>Attivitajiet mhux leġislattivi</u></b>		
6.	Is-sitwazzjoni tal-enerġija fl-UE fil-kuntest tal-gwerra fl-Ukrajna .....	5
<b><u>Affarijiet oħra</u></b>		
7.	a) Proposti leġislattivi attwali .....	6
	b) Żviluppi reċenti fir-relazzjonijiet esterni dwar l-enerġija .....	6
	c) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss .....	6
	ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill .....	7

\*\*\*

**1. Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 10443/22.

**2. Approvazzjoni tal-punti "A"**

**(a) Lista mhux leġiżlattiva**

10444/22

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 10444/22 inkluż id-dokumenti COR u REV ippreżentati għall-adozzjoni.

Għall-punti li ġejjin id-dokumenti għandhom jaqraw kif ġej:

Trasport

- |   |   |
|---|---|
| 1. Thejġija tal-41 sessjoni tal-Assemblea tal-ICAO (Montreal, 18 ta' Settembru - 14 ta' Ottubru 2022)<br><i>Approvazzjoni</i><br>approvat mill-Coreper, Parti 1, fl-22 ta' Ġunju 2022   | 10057/22<br>+ ADD 1-9<br><u>+ ADD 2 COR 1 (pl)</u><br><u>+ ADD 3 COR 1 (pl)</u><br><u>+ ADD 4 COR 1 (pl)</u><br><u>+ ADD 5 COR 1 (pl)</u><br><u>+ ADD 6 COR 1 (pl)</u><br><u>+ ADD 7 COR 1 (pl)</u><br>AVIATION |
| 3. Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-ftehim dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova<br><i>Adozzjoni</i><br>approvat mill-Coreper, Parti 1, fl-24 ta' Ġunju 2022 | <input type="checkbox"/> 10148/22<br><u>10152/22</u><br>10409/22<br>TRANS   |
| 4. Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-ftehim dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna<br><i>Adozzjoni</i><br>approvat mill-Coreper, Parti 1, fl-24 ta' Ġunju 2022                | <input type="checkbox"/> 10147/22<br><u>10151/22</u><br>10407/22<br>TRANS   |

(b) **Lista tad-deliberazzjonijiet leġiżlattivi** (deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

10445/22

Enerġija

1. **Regolament dwar il-ħżin tal-gass**

*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-22 ta' Ġunju 2022



10563/22

PE-CONS 24/22

ENER

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u adotta l-att propost kif adatt, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Bażi legali: l-Artikolu 194(2) TFUE).

Ġustizzja u Affarijiet Interni

2. **Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1862 dwar is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)**

*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-20 ta' Ġunju 2022



10187/22


PE-CONS 16/22

SIRIS

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u adotta l-att propost kif adatt, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Bażi legali: l-Artikolu 88(2)(a) TFUE).

### Deliberazzjonijiet leġislattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. **Il-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %" (inizjattivi leġislattivi għall-implimentazzjoni tal-mira klimatika għall-2030)**  10490/22

- a) **Reviżjoni tad-Direttiva dwar l-effiċjenza fl-enerġija (riformulazzjoni)** 10490/22  
*Approċċ ġenerali*

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali, abbażi tat-testi ppreżentati lill-Kunsill u kkomplementati minn dokument tas-seduta tal-Presidenza, kif rifless fl-eżitu tal-proċedimenti, 10697/22. Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Bulgara (10743/22) u dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Finlandiża (10717/22) huma annessi ma' dawn il-minuti tal-Kunsill.

- b) **Reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli** 10488/22  
*Approċċ ġenerali*

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali, abbażi tat-testi ppreżentati lill-Kunsill. Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Spanjola (10742/22) kif ukoll dikjarazzjoni konġunta mid-delegazzjoni Ġermaniża, Lussemburgiża, Pollakka, Portugiża u dik Slovena (10740/22) huma annessi ma' dawn il-minuti tal-Kunsill.

4. **Regolament dwar it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija**  10161/22  
*Rapport ta' progress*

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress imħejji mill-Presidenza dwar din il-proposta.

5. **Reviżjoni tad-Direttiva dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija**  9894/22  
*Rapport ta' progress*

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress imħejji mill-Presidenza dwar din il-proposta.

### Attivitajiet mhux leġislattivi

6. **Is-sitwazzjoni tal-enerġija fl-UE fil-kuntest tal-gwerra fl-Ukrajna** 9898/22  
*Skambju ta' fehmiet*

## Affarijiet oħra

7. (a) **Proposti leġislattivi attwali**  
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

**Regolament dwar il-ħżin tal-gass**  
*Informazzjoni mill-Presidenza*

**1****C** 7406/22 + ADD 1

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- (b) *Żviluppi reċenti fir-relazzjonijiet esterni dwar l-enerġija* 10259/22  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*
- (c) *Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss*  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Ċeka*

---

**1** L-ewwel qari

**C** Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

---

**Dikjarazzjonijiet għall-punti leġiżlattivi "B" li jinsabu fid-dokument 10443/22**

**Dwar il-punt "B"**  
**Nru 3a:**

**Il-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %" (inizjattivi leġiżlattivi għall-implimentazzjoni tal-mira klimatika għall-2030)**  
**Reviżjoni tad-Direttiva dwar l-effiċjenza fl-enerġija (riformulazzjoni)**  
*Approċċ ġenerali*

**DIKJARAZZJONI MILL-FINLANDJA**

"L-effiċjenza enerġetika għad għandha rwol importanti x'taqdi fl-isforzi tal-Finlandja biex tikseb in-newtralità karbonika sal-2035. Il-mira tagħna tan-newtralità karbonika hija aktar ambizzjuża mill-mira tal-UE. Il-kisba tal-mira sal-2035 teħtieġ żieda temporanja fil-konsum tal-elettriku mingħajr emissjonijiet. Sfortunatament, il-proposta għal Approċċ Ġenerali, speċjalment l-Artikolu 4, ma tqisx b'mod adegwat il-karatteristiċi speċjali tal-Istati Membri.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Finlandja ma tistax tappoġġa dan l-abbozz ta' Approċċ Ġenerali. Il-Finlandja tivvota kontra."

**DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA dwar il-verżjoni bl-Ingliż tad-Direttiva**

"Ir-Repubblika tal-Bulgarija tagħti importanza kbira lill-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Il-pajjiż huwa, u ser jibqa', iddedikat għall-impenni tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem.

Fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li tiddikjara li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika ("il-Konvenzjoni ta' Istanbul") tippromwovi kunċetti legali relatati mal-kunċett ta' ġeneru li huma inkompatibbli mal-prinċipji ewlenin tal-Kostituzzjoni Bulgara. Barra minn hekk, fl-2021 il-Qorti Kostituzzjonali kompliet tiċċara li l-kunċett ta' "sess" użat fil-Kostituzzjoni, jista', fil-kuntest tal-qafas tal-ordni legali nazzjonali, jitqies biss fis-sens tad-determinazzjoni bijoloġika tiegħu (irġiel u nisa).

Ir-Repubblika tal-Bulgarija ma topponix l-adozzjoni ta' approċċ ġenerali dwar l-abbozz ta' Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika, iżda fir-rigward tal-użu simultanju tat-termini "sess" u "ġeneru" fil-premessa 99, tiddikjara f'konformità mad-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali msemmija hawn fuq, li hija ma taċċetta l-ebda **differenzjazzjoni bejn "sess" bħala kategorija bijoloġika (nisa u rġiel) u "ġeneru" bħala kostruzzjoni soċjali.** "

**Dwar il-punt "B"**  
**Nru 3b:**

**Il-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %" (inizjattivi leġislattivi għall-implimentazzjoni tal-mira klimatika għall-2030)**  
**Reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli**  
*Approċċ ġenerali*

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-ĠERMANJA, IL-LUSSEMBURGU, IL-POLONJA, IL-PORTUGALL U S-SLOVENJA**

"DE, LU, PL, PT u SI huma tal-fehim komuni li, taħt il-presidenza Ċeka, il-Kunsill ser jerġa' lura, bħala kwistjoni ta' prijorità, għall-kwistjonijiet imqajma fid-dokument informali tal-Ġermanja u l-proposti tal-Kummissjoni Ewropea fil-qafas ta' RepowerEU dwar l-għoti ta' permessi.

F'dan il-kuntest, nixtiequ nissottolinjaw li aħna ma nappoġġawx il-fatt li d-dispożizzjoni fl-Artikolu 15 (8b), li tipprevedi li s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-infrastruttura tal-grilja relatata għandhom jitqiesu bħala li huma fl-interess pubbliku prevalenti u li jservu s-sikurezza pubblika, hija limitata għat-tliet Direttivi msemmija fil-verżjoni attwali tat-test tal-Approċċ Ġenerali. Id-dispożizzjoni jeħtieġ li tapplika wkoll għal dispożizzjonijiet rilevanti oħra għall-ibbilanċjar ta' interessi legali fil-proċeduri tal-ippjanar u tal-għoti tal-permessi.

Jekk l-UE trid tilħaq miri ambizzjużi għall-enerġija rinnovabbli sal-2030, is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-infrastruttura tal-grilja relatata jeħtieġ li jitqiesu bħala li huma fl-interess pubbliku prevalenti b'mod usa'. Ir-raġunament legali li jirfed il-limitazzjoni tal-interess pubbliku prevalenti għal artikoli speċifiċi jeħtieġ aktar valutazzjoni u diskussjoni bir-reqqa."

**DIKJARAZZJONI MINN SPANJA**

"Spanja tissottolinja l-importanza tas-sinjal politiku qawwi provdut illum bl-adozzjoni tal-approċċ ġenerali tal-Kunsill dwar id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli taħt il-Presidenza Franċiża. Dan huwa pass ewlieni lejn il-kisba tal-miri u l-impenji ambizzjużi tal-UE dwar il-klima u l-enerġija, filwaqt li jaċċellera t-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili.

Spanja tilqa' s-sinjal ċar għall-aċċellerazzjoni tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport marittimu, inkluż il-bunkering marittimu internazzjonali. Madankollu, tali proċess għandu jiżgura l-koerenza tiegħu mal-prinċipji kruċjali tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %": l-evitar tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, il-ġlieda kontra d-deforestazzjoni u l-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel.

F'dan ir-rigward, Spanja jiddispjaċiha dwar il-kontenut tal-premessa 29a u tal-Artikolu 27.1b fit-test fir-rigward tal-kunsiderazzjoni tal-enerġija kkunsmata fit-trasport marittimu, inkluż il-bunkering internazzjonali, għall-kalkolu tal-mira tas-sorsi rinnovabbli fis-settur tat-trasport. L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-mira kwantitattiva għat-trasport marittimu x'aktarx li tikkawża effetti konsegwenzjali mhux mixtieqa li ma ġewx ivvalutati biżżejjed.

Id-dekarbonizzazzjoni tal-bunkering marittimu internazzjonali hija sfida għall-ekonomiji tal-UE minħabba r-riskju għoli ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju f'settur soġġett għal kompetizzjoni ħarxa ma' pajjiżi terzi. Barra minn hekk, din il-bidla rapida ta' fjuwils sal-2030 tkun teħtieġ volumi kbar ta' bijofjuwils, b'mod partikolari bijofjuwils mhux sostenibbli tal-ewwel ġenerazzjoni, li jimminaw l-isforzi li saru fil-livell tal-UE kontra d-deforestazzjoni importata u t-tibdil indirett fl-użu tal-art, li jirriżulta f'impatt ambjentali negattiv u riskju dejjem akbar għas-sigurtà tal-ikel.

Spanja ser tkompli taħdem biex dan it-tħassib jiġi akkomodat fit-test b'mod immirat fit-trilogi li ġejjin mal-Parlament Ewropew. Barra minn hekk, Spanja titlob li l-Presidenza tal-Kunsill tiżgura li t-test finali jkun kompletament konsistenti mal-prinċipji tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" enfasizzat hawn fuq. "